# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 2712/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Etienne Ciantar**

**Illum 29 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Etienne Ciantar** detenur tal-karta tal-identita Maltija **577482M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur ta' bejn Lulju u Settembru 2023 fil-Gżejjer Maltin:

1. Naqas li jagħti lil Christina Caruana u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il- orti jew stipulata f'kuntratt bhala manteniment għaliha u/jew uliedha u dana fi żmien ħmistax (15)-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Jannar 2025, fejn għaddiet in gudikat lill-appellant u sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għal piena ta' xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Etienne Ciantar, ippreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Jannar 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Stante n-nullita' tas-sentenza appellata, ossia fid-dawl tal-aggravju 'A', thassar l-istess u tirrimanda latti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan sabiex ma tippruvax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppio esame.
2. Subordinament u mingħajr pregudizzju għall-ewwel talba, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, tgħaddi sabiex tikkalibra l-piena kominata ghal wahda iktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**A. Dwar in-Nullita tas-Sentenza Appellata**

**L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali** jittutela illi:

> *"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull ligi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [sottolinejar tal-appellant].*

Minn qari akkurat tal-imsemmija disposizzjoni legali jemergi biċ-ċar illi ghal validita ta' sentenza, jinkombi fuq il-Qorti li fl-istess sentenza:

1. Issemmi l-fatti li tagħhom l-imputat instab hati;
2. Issemmi l-piena erogata; u
3. Issemmi dawk l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reati li tagħhom ġie misjub hati l-imputat.

Ma hemmx dubju li r-reat in disamina huwa wiehed kontravvenzjonali. Fil- parti dispositttiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti tindika li l- appellant ġie misjub hati ta' xahrejn prigunerija u dana meta il-piena ta' prigunerija ma hix kominabbli f'każ ta' kontravenzjonijiet iżda hija kominabbli biss f'każ li individwu inkun mixli b'delitt.

L-uniku piena li tnaqqas il-liberta' applikabbli ghall-kontravenzjonijiet hija dik ta' detenzjoni u dana fit-termini tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan ifisser illi l-Ewwel Onorabbli Qorti infliggiet piena erroneja fuq l- appellant liema piena setghet tiġi nflitta f'każ ta' delitti u mhux kontravensjonijiet, u dana bi vjolazzjoni tad-dispost tal-artikolu 382 supra- kwotat.

Għaldaqstant l-appellant jissottometti li s-sentenza appellata hija nulla fl-intier tagħha.

B. **Dwar il-Piena Kominata**

Dan l-aggravju qiegħed jitressaq il-quddiem mingħajr preġiduzzju għal dak ta' qablu.

**B.1. Il-Mezzi Finanzjarji tal-Appellant**

Fl-ewwel lok u għall-evitar ta' kwalsiasi malintiż, l-appellant huwa konxju mill-fatt li fuq skorta ta' ġurisprudenza kopjuża in materja, tibdil fil-mezzi finanzjarji ta' min huwa obbligat ihallas il-manteniment ma tiġġustifikax in- nuqqas tiegħu li jonora tali obbligu. Di fatti, bl-ebda mod l-appellant ma qiegħed iqajjem id-difiża ta' ad impossibilia nemo tenetur iżda sejjer biss igib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti numru ta' fatturi li fl-umli fehma tiegħu ghandhom jimmilitaw favur il-kominar ta' piena iktar miti.

**In primis**, l-appellant jagħmel aċċenn għal dak ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. John Debono'** deċiża nhar is- 27 ta' April 2012, fejn ingħad illi:

> "*il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili ... Ir-rimedju li għandu u li kellu jieħu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Čivili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment*" [sottolinejar tal-appellant]

L-appellant ma hux qed jikkontesta' li l-pagamenti mertu tal-imputazzjoni *de quo* ma sarx. Xejn affattu. Jinghad pero' li fiż-żmien li huwa ntrabat, tramite d- digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jhallas ir-retta alimentari *de quo*, il-qaghda finanzjarja tal-appellant ma baqghetx izjed sostenibbli.

F'dan l-isfond, l-appellant jagħmel referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Publius Said** fejn gie ritenut illi:

> "*L-iskop tal-legislatur meta introduča din il-kontravvenzjoni fil-Kodiči Kriminali fl-1983 kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalčitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biss biex timpunixxi 1-ksur tal- ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jigu osservati skrupolożament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi*"

Jekk ghall-grazzja tal-argoment u ghall-grazzja tal-argoment biss dina 1- Onorabbli Qorti jghogobha tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha u kwindi l-appellant jispiċċa inkarcerat, tkun il-parte-civile stess li tiġi pprivata milli tirċievi 1-manteniment u għalhekk l-iskop originali ta' din id- disposizzjoni legali certament ma jkunx qiegħed jintlahaq.

*Di piu*, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi,** deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ġie ritenut li in vista ta' dak deciz fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Publius Said'**, il-Qorti rriformat is- sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar prigunerija u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda fl-ammont ta' €58.23, liema somma tiġi kkonvertita f'hamest (5) ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

Fl-ahhar nett, ghandha wkoll ssir referenza ghas-sentenza **'Il-Pulizija v. Jonathan Attard'** datata 26 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet illi:

> "*ghalkemm l-ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karčerarja, madanakollu minħabba li l-appellant qiegħed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellant jispiċċa inkarčerat u għalhekk mingħajr introjtu, l-parti leża ser tigi ipprivata milli tirċievi l-manteniment lilha dovut u għalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq Għalhekk indubbjament f'dan il-każ hemm lok ghal temperament fil-piena." Ghalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellant jemmen bis-shih li piena karčerja ma hix wahda idoneja fic-cirkostanzi stante li b'dan il-mod il-qaghda finanzjarja tiegħu ser tkompli taggrava ruhha bil-konsegwenza li l-parte-civile ser iddum iżjed ma tithallas.*

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti a fol. 27 *et seq* u minn ezami taghha jirrizulta bic-car li l-appellant gja instab hati diversi drabi ta' din il-kontravensjoni u cioe nonostante ma tgħallimx minn dawn is-sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu tant li reġa' qiegħed il-Qorti u kiser duffrejgh fuq l-istess kontravenzjoni.

Semghet lid-difiza tiddikjara li l-appellant hallas dak dovut minnu lil *parte civile* u lil Dr Ian Micallef jiddikjara ghan nom tal-parte civile li hija irceviet dak dovut lilha skond il-ligi u li llum l-*parte civile* m'ghandhiex iktar pretensjonijiet fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-kawza odjerna.

Semght lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat,**

Illi f'din il-kawza l-appellant in primis qed isostni li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan ghaliex id-dettai tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx osservati. Jghid li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkundannat lill-appellant għal xahrejn priġunerija u dan meta l-piena ta' priġunerija ma hiex kominabbli f'kaz ta' kontravenzjoni izda hija kominabbli biss f'kaz li individwu jkun mixli b'reat. Jinghad bla tlaqliq li f'dan il-kaz kuntrarjament ghal dak li allega ir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tiegħu, dan ma ġiex ikkundannat għal xahrejn priġunerija iżda għal xahar priġunerija. L-appellant hu akkużat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 oltre dan hu akkuzat li din il-kontravenzjoni sehhet f'okkazzjoni aktar minn wahda u ghalhekk gie akkuzat ukoll bil-kontinwita kif dispot fl-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u allura l-piena tista' tizdied bi grad jew zewg gradi.

Illi l-piena ghal kontravenzjoni ta' nuqqas ta' manteniment hija dik disposta fl-artikolu 12 (2) tal-Kap 9 li jipprovdi li l-persuna kkundannata ghal detenzjoni meta ma jkunx xort oħra speċifikat provdut ebda żmien ta' detenzjoni m'għandux jkun iżjed minn xahrejn. Issa l-artikolu 18 tal-Kap 9 jipprovdi f'kaz ta' reat kontinwat u l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reat kontinwat il-piena tkun tista tizdied bi grad jew b'zewg gradi. Issa l-artikolu 31(g) tal-Kap 9 jipprovdi li t-tlugh mill-pieni stabbiliti ghal kontravenzjonijiet issirr ghal piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux iktar minn tlett xhur u ghalhekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti ta' xahar prigunerija taqa' fl-parametri tal-ligi u ghalhekk l-aggravju tal-appellant li s-sentenza hija nulla ghax ma giex rispettat il-vot tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa infondat.

Dwar il-mertu jinghad li l-appellant irregola ruhu fil-mori ta' dan l-appell. Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn

x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u Christina Caruana ġiet riżolta f'din il-kawza, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid il-ftehim milquh bejn il-partijiet.

B'dana kollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp Christina Caruana u wlied il-kontendenti jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separate u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn tlett nuqqasjiet ta' pagament.

Issa minkejja li mill-fedina penali tieghu l-appellant ma jistghax jitqies li huwa *a first time offender*, dik il- parti tas-sentenza errogabbli l-piena timmerita li tkun varjata u dan b'eccezzjoni ghall-principju mghoddi in rassenja li din il-Qorti ma tbiddilx il-piena imposta mill-ewwel qorti jekk taqa' fil-parametri tal-ligi .

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Etienne Ciantar billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill istess appellant xaghar prigunerija u minflokk tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mija u hamsin euro (€150) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill appellant Etienne Ciantar jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din i-s-sentenza ratealment bir-rata ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

Maria Grech

Deputat Registratur